MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 7/2011/2

**Matthew Lanzon**

***v.***

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

## I. **Is-sentenza tal-Ewwel Qorti**

Bl-appell tiegħu tal-lum, Matthew Lanzon talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tal-11 ta' Novembru 2011 li laqgħet l-eccezzjoni ta' '*res judicata'.* Hekk talab minħabba, skont hu, in-natura assoluta tal-effetti tas-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet "*Salduz v. it-Turkija*". Għalhekk irid li din il-Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu bl-ispejjez.

Għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell, is-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda tkun hawn riprodotta fl-intier tagħha–

*"Permezz ta' rikors prezentat fl-24 ta' Novembru 2011, ir-rikorrent qieghed jilmenta minn ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif garantit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba li ma kellux access ghall-avukat waqt interrogatorju. F'dan il-kuntest ghamel riferenza ghad-decizjoni li nghatat fil-kaz Salduz vs Turkija fis-27 ta' Novembru 2008 mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea. Fir-rikors spjega li kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Frar 2001 bil-bejgh u traffikar fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis. Ghamel ukoll riferenza ghal-kawza Victor Lanzon nomine et vs Kummissarju tal-Pulizija (Rikors 15/2002) f'liema proceduri kien diga' ressaq l-ilment tal-lum, izda t-talbiet tieghu kienu gew michuda mill-ewwel qorti permezz ta' sentenza li nghatat fis-17 ta' Gunju 2004 u eventwalment mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tad-29 ta' Novembru 2004. Dan kollu jfisser li r-rikorrent qieghed jippretendi li l-kaz tieghu ghandu jerga' jinfetah in segwitu ghad-decizjonijiet li nghataw mill-Qorti Ewropea u l-qrati lokali. Ir-rikorrent qieghed jitlob li din il-qorti taghti dawk l-ordnijiet li tqis li huma xierqa, fosthom li tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*

*Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li ma kellux access ghall-avukat meta gie interrogat mill-pulizija.*

*L-intimat isostni li fl-ewwel lok ir-rikors hu frivolu u vessatorju ghaliex hemm gudikat. Fil-meritu jsostni li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Il-kawza giet differita ghall-ghoti ta' sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni, li dwarha l-partijietipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.*

*Fil-qosor:*

*1. Ir-rikorrent kien gie arrestat u nvestigat in konessjoni ma reati konnessi ma' droga.*

*2. Fis-27 ta' Gunju 2002 kien ipprezenta rikors (numru 15/02) quddiem din il-qorti fejn ilmenta fost affarijiet ohra ghal fatt li waqt l-interrogatorju li mexxa l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, ma kellux assistenza legali. Fir-rikors promotur ghamel riferenza ghall-Att tal-1 ta' Mejju 2002 li kien jipprovdi ghall-ghajnuna ta' avukat lil kull persuna li tigi nterrogata mill-pulizija. Ghamel ukoll riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fejn isostni li gie dikjarat li kull persuna ghandha tigi garantita assistenza ta' avukat qabel tigi interrogata mill-pulizija (Averill v Renju Unit u Magee v Renju Unit tas-6 ta' Gunju 2000).*

*3. F'sentenza li nghatat minn din il-qorti fis-17 ta' Gunju 2004, it-talba tar-rikorrent giet michuda. Ir-rikorrent appella fejn ilmenta li l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali kienet gejja 'mill-interrogatorju tieghu u mit-tehid ta' stqarrija minghandu bi pregudizzju 'ghall-Article 6 rights tieghu.'. Fl-appell ghamel riferenza ghall-htiega ta'*

*ghajnuna legali u l-prezenza ta' adult mehud in konsiderazzjoni li kien ghadu taht l-eta' meta gie nvestigat mill-pulizija.*

*4. B'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li nghatat fid-29 ta' Novembru 2004, l-appell gie michud. F'dik is-sentenza l-qorti osservat li dan il-kaz ma setax jigi paragunat mal-kawzi li r-rikorrent ghamel riferenza ghalihom ; 'kien hemm arrest u interrogatorju b'mod ghal kollox regolari – ghall-anqas fuq il-fatti kif jirrizultaw lil din il-Qorti – arrest li dam ftit sieghat, u li fihom l-appellant seta', kieku ried, zamm is-silenzju tieghu biex ma jinkriminax ruhu.'. Inoltre, ir-rikorrent lanqas ma seta jiehu vantagg mill-fatt li kien ghalaq sittax-il sena.*

*5. Ir-rikorrent ma ghamilx applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropea ta' Strasbourg.*

*6. F'sentenza li nghatat mill-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg fis-27 ta' Novembru 2008 (**Salduz v Turkija**), il-qorti kkonkludiet li ghalkemm ir-rikorrent kien f'posizzjoni li jikkontesta l-akkuzi waqt il-kawza, il-fatt li ma setax ikun assistit minn avukat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija, kien effetwa b'mod irrimedjabbli d-drittijiet ta' difiza, partikolarment ghaliex kien ghadu minuri. Il-qorti osservat : 'access to a lawyer should be provided **as from the first interrogation** of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right.'. Sahansitra, l-istess qorti fil-kaz **Dayanan v Turkija** deciz fit-13 ta' Ottubru 2009, iddikjarat li ghalkemm persuna taht il-kustodja tal-pulizija kienet ghazlet li ma twegibx ghad-domandi tal-pulizija, xorta kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba li l-ligi tat-Turkija kienet tipprovdi li persuna mcahhda mil-liberta ma kellix dritt ghall-assistenza legali.*

*7. Permezz tar-rikors prezenti, ir-rikorrent tista' tghid ipprezenta rikors identiku ghal dak li pprezenta fis-27 ta' Gunju 2002 (Rikors 15/2002), bid-differenza li issa ghamel riferenza ghall-gurisprudenza ricenti dwar id-dritt ta' persuna fil-kustodja tal-pulizija li jkollha access ghall-avukat qabel l-interrogatorju tal-pulizija.*

*M'hemmx dubju li sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg fejn Malta m'hijiex parti, ghandhom iservu ta' res interpretata. Is-sentenzi jservu mhux biss biex tigi deciza l-kawza li tkun giet trattata quddiem il-qorti, imma biex ticcara, tissalvagwardja u tizviluppa r-regoli tal-Konvenzjoni. B'hekk dawn is-sentenzi jikkontribwixxu sabiex l-Istat josserva l-obbligi li assuma bhala parti ghall-Konvenzjoni. Bla dubju Stat, apparti li ghandu josserva sentenzi li jinghataw f'kawzi li fihom hu parti, ghandu d-dmir jikkunsidra l-implikazzjonijiet possibbli fuq is-sistema legali u l-prattika legali ta' dak il-pajjiz b'rizultat ta' sentenzi li jinghataw minn din il-qorti, minkejja li ma jkunx parti fil-kawza.*

*Fir-realta' dak li qieghed jippretendi r-rikorrent hu li l-kaz tieghu jerga' jinfetah minhabba l-izvilupp li jghid li kien hemm bl-ghoti tas-sentenza* ***Salduz v Turkija****. It-tlett elementi li huma mehtiega ghal res judicata (eadem res, eadem personam, u eadem causa petendi), huma prezenti fil-kaz tal-lum u l-punt kontrovers hu l-istess.*

*Il-qorti ma taqbilx ma' din it-tezi meta tikkunsidra li :-*

*i. Wara s-sentenza li l-Qorti Kostituzzjonali tat fid-29 ta' Novembru 2004, ma kien hemm xejn milli jzomm lir-rikorrent milli jfittex rimedju quddiem il-Qorti ta' Strasbourg. Pero dan m'ghamlux (ara verbal tat-13 ta' Gunju 2011) u llum ma jistax jilmenta min-nuqqas tieghu.*

*ii. Is-sentenza li nghatat fil-kaz Salduz v Turkija, f'liema proceduri Malta ma kenitx parti, ma tistax terga' tiftah berah il-kaz ta' Lanzon. L-ilment tar-rikorrent diga'*

*gie trattat u deciz fil-proceduri gudizzjarji fuq imsemmija. Jekk wiehed kellu jaddotta l-argument tar-rikorrent allura jkun ifisser li sentenza qatt ma ssir finali, ighaddi kemm ighaddi zmien. Dan imur kontra l-principju ta' res judicata.*

*iii. Il-Konvenzjoni stess tirrikonoxxi l-principju ta' res judicata, tant li l-Artikolu 35(2)(b) jipprovdi li applikazzjoni ma tigix ikkunsidrata jekk hi 'substantially the same as a matter that has already been examined by the Court or has already been submitted to another procedure of international investigation or settlement and contains no relevant new information.'.*

*iv. Il-fatt li l-kaz jittratta dwar allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem, ma jfissirx li l-principju ta' res judicata ma japplikax. Kieku jkun mod iehor ifisser li lanqas sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg ma jsiru finali, u rikorrent jista' jressaq proceduri godda skont kif tizviluppa l-gurisprudenza matul iz-zmien. Dan l-argument imur kontra l-finalita ta' proceduri, li l-principju ta' res judicata ghandu l-ghan li jissalvagwardja. Fil-kaz* ***Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta' Malta*** *deciz fil-15 ta' Ottubru 2010 minn din il-qorti presjeduta mill-Imhallef T. Mallia, osservat li 'L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha, l-interess pubbliku, u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza u li tbieghet il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin.'. F'dak il-kaz il-qorti laqghet l-eccezzjoni ta' res judicata.*

*v. Sahansitra il-Qorti Kostituzzjonali* ***fil-kaz Il-Pulizija vs Lombardi*** *qalet li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea '…. m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res judicata.' (12 ta' April 2011). Insenjament li l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ma ghandux japplika f'dan il-kaz fejn ir-res judicata hi sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.*

*vi. Dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz* ***Xenides-Arestis v Turkija*** *deciz fit-22 ta' Dicembru 2005, ma jistax ikun ta' ghajnuna ghall-kaz tar-rikorrent. F'dik is-sentenza nghad biss li kellu jinghata rimedju lill-applikant 'as well as in respect of all similar applications pending before it.'. Ma*

*saret l-ebda dikjarazzjoni fis-sens li l-kazijiet li huma res judicata kellhom jinfethu mill-gdid.*

***Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni ta' res judicata, u tichad it-talba. Spejjez kontra r-rikorrent.***"

**II. <u>Ir-rikors tal-appell ta' Matthew Lanzon</u>**

L-aggravji tal-appellant kienu tnejn. Din hija sintesi taghhom –

**A. <u>L-ewwel aggravju</u>**

Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-punt tad-dritt in kwistjoni.

1) Billi ghadhom pendenti l-proceduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Matthew Lanzon* li kienu ttiehdu kontra r-rikorrent dwar il-fatti li kienu wkoll mertu tal-istqarrija li Matthew Lanzon kien irrilaxxja lill-Pulizija wara li kien interrogat mill-Ispettur Josric Mifsud, ma hemmx kwistjoni ta' *res judicata* u ghalhekk il-principji li hargu mis-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza *Salduz vs it-Turkija* li kienet deciza fis-27 ta' Novembru 2008 ghandhom ighoddu ghall-procediment *Il-Pulizija vs Matthew Lanzon* minkejja l-esitu ta' s-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tad-29 ta' Novembru 2004 fil-kawza *Victor Lanzon noe et vs Kummissarju tal-Pulizija.*

2) Matthew Lanzon huwa fl-istess posizzjoni ta' imputati li, fi procedimenti kriminali ohra, distinti u mhux relatati ma' tieghu, li ghadhom pendenti, invokaw l-applikazzjoni ghall-kaz taghhom tas-sentenza *Salduz vs Turkey* u din il-Qorti (diversament komposta) tathom

ragun. Irrefera ghall-kazi ta' Esron Pullicino, Alvin Privitera u Mark Lombardi.

3) Ir-*res judicata* ma tistax tkun invokata u applikata ghaliex jigri altrimenti illi l-Qorti ta' Strasbourg ma tkunx tista' tippronunzja ruhha dwar kawzi li jkunu gew diga` decizi mill-oghla qrati tal-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni.

4) Ir-*res judicata* titwarrab meta l-Qorti ta' Strasbourg taghti sentenza li tiddikjara li kien hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali garantiti mill-Konvenzjoni. Fejn si tratta ta' jeddijiet fondamentali, il-principju ta' *res judicata* mhuwiex l-ahhar kelma. Hekk ukoll jigri meta tintalab l-esegwibbilita` go Malta ta' sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg li tkun in konflitt ma' dak li jkun gie deciz minn din il-Qorti.

5) Is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) *Victor Lanzon noe et vs Kummissarju tal-Pulizija* kienet tikkostitwixxi *res judicata* sakemm twessghu l-*goalposts* bis-sentenza *Salduz vs Turkey*. B'din tal-ahhar, inbidlet il-konfigurazzjoni tal-istat tad-dritt in materja u ghalhekk issuperat dak li kien deciz fil-kawza *Victor Lanzon noe et vs Kummissarju tal-Pulizija.*

**B. <u>It-tieni aggravju</u>**

Skont l-appellant, dak l-aggravju kien skaturit minn dikjarazzjoni zbaljata li d-difensur tieghu ghamel quddiem l-Ewwel Qorti.

1) Fis-17 ta' Mejju 2005, ir-rikorrent kien talab lill-Qorti Ewropeja biex tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni tal-Art. 6(3)(c) tal-Konvenzjoni izda l-Qorti rrifjutat li tezamina l-kaz billi l-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu kienu ghadhom pendenti u ghalhekk *domestic remedies had not*

*been exhausted.* Ir-rikorrent jaccetta illi ta informazzjoni skorretta lill-Ewwel Qorti, li kienet ghalhekk svijata meta fis-sentenza taghha qalet illi r-rikorrent ma kienx ha l-kaz tieghu Strasbourg wara s-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta).

2) Bid-decizjoni ta' *Salduz vs it-Turkija* inbidlet il-gurisprudenza ta' Strasbourg dwar il-kwistjoni tal-assistenza legali waqt interrogatorju. Qabel *Salduz vs it-Turkija*, il-linja tal-gurisprudenza kienet illi biex ikun determinat jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, il-qorti riedet bilfors tezamina l-kaz fl-assjem tieghu. B'effett ta' *Salduz vs it-Turkija,* skont l-appellant, kull meta jirrizulta li d-dritt ghall-assistenza ta' avukat ma giex osservat, hija tghaddi awtomatikament biex tiddikjara li hemm vjolazzjoni. Ikun imbaghad jispetta lill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali biex tara jekk, fl-assenza ta' stqarrija mehuda bi vjolazzjoni tad-dritt garantit ghall-assistenza ta' avukat, ikunx hemm provi ohra li dik il-qorti tista' tistrieh fuqhom biex issib lill-akkuzat hati.

3) Fejn si tratta ta' jeddijiet fondamentali, il-principju ta' *res judicata* mhuwiex l-ahhar kelma. Skont l-appellanti, f'dak il-kaz, sentenza finali kemm jekk moghtija mill-Qorti tal-Appell kemm jekk minn din il-Qorti xorta jkollha titwarrab. Hekk ghandu jsir mis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tad-29 ta' Novembru 2004 fil-kawza *Victor Lanzon et noe vs Kummissarju tal-Pulizija.* U allura l-effetti ta' *Salduz vs it-Turkija* ghandhom ighoddu ghall-appellant ukoll.

## III. <u>Ir-risposta tal-appell ta' l-Avukat Generali</u>

L-Avukat Generali fil-qosor wiegeb hekk –

## A. <u>Dwar l-ewwel aggravju</u>

1) Din il-Qorti diga` ppronunzjat ruhha dwar il-kaz tal-appellant. Ghalhekk mhuwiex fl-istess posizzjoni ta' Esron Pullicino, Mark Lombardi u Alvin Privitera ghaliex, ghad-differenza taghhom, dawn ma gabux il-kaz taghhom quddiem din il-Qorti. Huwa ghalhekk irrilevanti l-fatt illi l-proceduri kriminali kontra l-appellant huma pendenti.

2) Ebda kaz li mar quddiem il-Qorti ta' Strasbourg ma nstema' darbtejn quddiem l-istess Qorti tal-Istat membru.

## B. <u>Dwar it-tieni aggravju</u>

1) Il-fatt li l-appellant ma kienx mar Strasbourg huwa biss wiehed minn erba' ragunijiet li gabet l-Ewwel Qorti biex twaqqaf il-kaz tieghu.

2) Il-fatt li stqarrija tittiehed fl-assenza ta' avukat ma jfissirx li l-procediment kriminali li jigi istitwit kontra l-persuna li taghmel l-istqarrija huwa lesiv tal-jedd fondamentali ghal smigh xieraq. Il-Qorti tiddeciedi mbaghad fuq l-assjem tal-provi.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Ma hemmx linja ta' demarkazzjoni netta bejn iz-zewg aggravji. Anzi din il-Qorti tghid illi argumenti li saru ghall-fini tal-ewwel aggravju kienu ripetuti fit-tieni aggravju. Ghalhekk sejra tqis iz-zewg aggravji flimkien.

Il-pern tal-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk id-decizjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Novembru 2008 fil-kawza *Salduz vs it-Turkija* ghandhiex l-effett illi thassar

dak illi kien deciz minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza tad-29 ta' Novembru 2004 fil-kawza *Victor Lanzon noe vs Kummissarju tal-Pulizija* b'tali mod illi din tal-ahhar ma tibqax *res judicata* u allura bid-dritt ghall-appellant illi jipproponi istanza kontituzzjonali ohra dwar l-istess mertu, bl-istess kawzali, u dwar l-istess allegat ksur tal-jedd fondamentali ghal smigh xieraq, ghaliex dak li nghad fil-kawza *Salduz vs it-Turkija* sar japplika ghall-kaz tieghu.

Wara li rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, qieset ir-rikors tal-appell u r-risposta tal-iintimat, kif ukoll wara li kkunsidrat dak li nghad waqt it-trattazzjoni tal-appell, din il-Qorti tghid illi z-zewg aggravji huma fl-essenza taghhom legalment insostenibbli. U tqishom ukoll frivoli u vessatorji.

Dawn huma r-ragunijiet –

Ir-*res judicata* huwa principju tad-dritt mill-aktar fondamentali li huwa applikat mhux biss fid-dritt Malti izda anke fil-kuntest tal-Konvenzjoni. Ighid x'ighid l-appellant biex ma jkunx hemm *res judicata* kemm fil-kuntest tad-dritt Malti kif ukoll fl-ambitu tal-Konvenzjoni mhijiex il-gurisprudenza li tiddetermina s-sussistenza jew il-fondatezza taghha izda l-presenza tat-tliet elementi li jaghmlu flimkien ir-*res judicata*. Fil-kaz tal-lum l-appellant ma jistax jippretendi li decizjoni ta' din il-Qorti li ghaddiet in gudikat tigi skartata u mwarrba b'mod illi ma tibqax *res judicata* ghaliex wara li tkun pronunzjata dik is-sentenza, fil-kaz tal-lum erba' snin wara, ikun hemm zvilupp fil-gurisprudenza. Mhux hekk huwa applikat dan il-principju tad-dritt. U dan huwa essenzjali u evidenti. U ighodd kemm fil-kuntest tad-dritt nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Konvenzjoni.

Ir-*res judicata* hija principju vitali ghac-certezza tad-dritt. Hekk jinghad minn **Harris, O'Boyle & Warbrick** fil-

ktieb "**Law of the European Convention on Human Rights**" (Tieni Edizzjoni – OUP) pag. 269 –

*The right to a fair hearing also requires that, in accordance with the principle of res judicata, the judgement by the final court that decides a case should be irreversible, in accordance with the principle of legal certainty.*

Fid-decizjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza ***Brumarescu v. Romania*** (1999 –VII ; 33 EHRR 862 para 61) kien inghad hekk hekk –

*The right to a fair hearing before a tribunal ... must be interpreted in the light of the Preamble ... which declares ... the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty which requires inter alia that where the courts have finally determined an issue their ruling should not be called into question ...*

Id-decizjoni *Salduz vs it-Turkija* ma tista' qatt isservi bhala pretest ghall-appellant biex jikseb dikjarazzjoni gudizzjarja illi ghandu jitwarrab dak li kien deciz minn din il-Qorti fil-kawza *Victor Lanzon et noe vs Kummissarju tal-Pulizija*. Dak li din il-Qorti kienet iddecidiet dwar l-istanzi tal-appellant jaghmlu stat, indipendentement minn dak li nghad erba' snin wara mill-Grand Chamber fis-sentenza ta' *Salduz vs it-Turkija.* Is-sentenza ta' din il-Qorti saret *res judicata* u m'ghaddietx mill-iskrutinju tal-Qorti ta' Strasbourg.

Mhuwiex accettabbli li l-appellant iqis lilu nnifsu fl-istess posizzjoni ta' Esron Pullicino, Alvin Privitera u Mark Lombardi. L-appellant ressaq l-istanzi tieghu sa quddiem din il-Qorti kif diversament komposta u kienu decizi b'mod definittiv. Ghalhekk ma jistax jqis lilu nnifsu bhallikieku huwa fl-istat tal-persuni li ghamel accenn ghall-kaz taghhom.

Ikun hemm *res judicata* jekk jissussistu tliet elementi kumulattivi : (a) *eadem persona*; (b) e*adem causa petendi* u (c) *eadem res*. Fil-kawza tal-lum, l-appellant mhux jikkontesta illi dawn it-tliet elementi huma l-istess fil-kawza tal-lum dawk illi kienu fis-sentenza ta’ din il-Qorti ta’ *Lanzon et noe vs Kummissarju tal-Pulizija.* L-appellant qieghed jippretendi illi fil-kaz ta’ jeddijiet fondamentali, il-fatt illi procediment jintemm b’sentenza li tkun saret definittiva, jaghti dritt lill-istess persuna li tistitwixxi procediment gdid kontra l-istess persuna avversarja dwar l-istess kawzali u dwar l-istess oggett kull meta jkun hemm bidla fil-gurisprudenza li, skont l-appellant, taqleb dak li jkun gie deciz fis-sentenza ta’ qabel. U l-appellant iqis dan bhala jedd assolut. Din il-Qorti ma taqbel xejn.

L-argument huwa ghal kollox fieragh. Ir-*res judicata* ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku u hija intiza biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li gew definiti bis-sentenza, anke jekk dawk il-jeddijiet huma fondamentali tal-bniedem. *Res judicata* ttemm il-possibilita` li kwistjonijiet jibqghu miftuha, meta jkunu ghaddew minn procediment gudizzjarju li sar definittiv. Bdil fil-gurisprudenza ma jikkwalifikax bhala bdil ta’ cirkostanzi ladarba t-tliet elementi baqghu l-istess.

L-argument tal-appellant huwa fieragh u legalment inaccettabbli ghaliex kull zvilupp tal-gurisprudenza, inkluz fejn si tratta ta’ jeddijiet fondamentali tal-bniedem, jiswa ghall-futur mhux ghall-passat. Li kieku ma kienx hekk il-kaz kien jigri li kull sentenza li tkun saret definittiva terga’ tinfetah mill-gdid ghaliex ikun hemm zvilupp jew bidla fil-gurisprudenza, ikun x’ikun dak l-izvilupp, u jkun xi jkun il-qasam tad-dritt koncernat. Li kieku ma kellhiex tkun din il-linja korretta tad-dritt, ikun ifisser, kif qalet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, illi sentenza ma tkun qatt finali. Lanqas ma huwa l-appellant jikkontesta dak li nghad mill-Ewwel Qorti li l-Konvenzjoni tirrikonoxxi *res judicata*.

Din il-Qorti tirribadixxi illi bidla jew zvilupp fil-gurisprudenza anke fil-kamp tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem ma ghandux l-effett retroattiv li jhassar sentenzi li jkun saru definittivi (ara – **Simon Xuereb** **vs Avukat Generali** deciza minn din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Gunju 2012).

Ghalkemm mhux strattament relevanti ghall-ghanijiat ta' dan l-appell, ghandu jinghad ukoll illi, dwar il-kwistjoni ta' l-effett ta' *Salduz vs it-Turkija* fil-kuntest Malti, din il-Qorti tirrafferma l-linja traccjata minnha fis-sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru 2012 fil-kawza *Charles Steven Muscat vs Avukat Generali.*

**L-ewwel aggravju qieghed jigi michud.**

In kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti tghid illi l-appellant ma jistax jaghmel argument quddiem din il-Qorti billi jipprova jinqeda bi skorrettezza li *ex admissis* fir-rikors tal-appell jaccetta li kkommetta huwa stess fl-istadju tal-Ewwel Istanza. Din il-Qorti qeghda tirreferi ghal fejn, fir-rikors tal-appell, l-appellant ighid illi ghax ta informazzjoni zbaljata lill-Ewwel Qorti u cioe' illi wara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 2004 fil-kawza *Lanzon et noe vs Kummissarju tal-Pulizija* ma kienx ha l-kaz tieghu quddiem il-Qorti ta' Strasbourg (ara l-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Gunju 2011) meta mhux hekk kien il-kaz, huwa induca lill-Ewwel Qorti biex tghid illi wara dik is-sentenza ma kien hemm xejn milli jzomm lir-rikorrent milli jfittex rimedju quddiem il-Qorti ta' Strasbourg.

Din il-Qorti kienet prezentata b'kopja ta' ittra datata 30 ta' Settembru 2005 li l-appellant jidher illi rcieva mill-Qorti ta' Strasbourg. Ghal xi raguni illi jaf huwa biss, l-appellant, flimkien mar-rikors tal-appell, ma pprezentax kopja tat-talba li ressaq lill-Qorti ta' Strasbourg u li kienet respinta minn dik il-Qorti ghaliex *domestic remedies had not been exhausted.* Qieghed jigi sottolineat dan il-fatt ghaliex biex il-Qorti ta' Strasbourg ippronunzjat ruhha illi

*domestic remedies had not been exhausted* huwa indikattiv, u indikattiv sewwa, illi l-Qorti ma kenitx qeghda tirreferi ghall-procediment quddiem din il-Qorti fil-kawza *Lanzon et noe vs Kummissarju tal-Pulizija.* Dan jibqa' punt interrogattiv ghal din il-Qorti li certament ma jistax jitqies bhala sostenn ghall-appellant izda bhala konfort ghal dak li kien deciz mill-Ewwel Qorti.

Ghandu jinghad ukoll illi l-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma zbaljata illi l-appellant ma kienx talab rimdju mill-qorti ta' Strasbourg ma kienx xi fatt determinanti ghad-de`izjoni finali taghha. Fi kliem iehor, l-isball li fih l-appellant waqqa' lill-ewwel qorti ma kellux relevanza ghall-ezitu tal-kaz.

**It-tieni aggravju qieghed jigi michud ukoll**.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Tordna li l-ispejjez kollha kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza jithallsu mir-rikorrent.**

**U billi din il-qorti diga` esprimiet il-fehma taghha illi l-appell kien frivolu u vessatorju, wara li rat il-Para 10 tat-Tariffa A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lir-rikorrent sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti spejjez addizzjonali ta' seba' mitt Ewro (€700).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------